TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Giovanna u Marisa Spiteri

vs

Paul Camilleri

CCT 112/17/MS

1st October 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fil-15 ta' Gunju 2018 fejn talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimat jirrifondilha s-somma ta' seba' mitt Euro (€700.00), konsegwenza ta' xoghol ta' tibjid li ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ra r-riposta tal-intimat ipprezentata fis-6 ta 'Ottubru 2017 fejn ikkontesta t-talba tar-rikorrenti u qal illi x-xoghol li ghamel kien skond l-arti s-sengha.

Ra l-verbal tad-9 ta' Ottubru 2017 fejn it-Tribunal innomina espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talba tar-rikorrenti wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-intimat.

Ra r-rapport tat-tekniku Abigail Scicluna Lewis, mahluf fis-16 ta April 2018.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi f'Mejju 2015 ir-rikorrenti nkarigat lill-intimat sabiex dan jesegwixxi xoghol ta' tikhil u tibjid fuq il-faccata tad-dar taghha. Ghal dan hallset is-somma ta' elfejn Euro. Ir-rikorrenti tghid illi wara tlett xhur it-tikhil li sar fuq barra beda jaqa'. Wara li nfurmat lill-intimat b'dan, ghall-ewwel accetta illi kellu jaghmel xogholijiet rimedjali izda dawn qatt ma saru u ghalhekk ir-rikorrenti adixxiet lil dan it-Tribunal wara li hadet stima minghand bajjad

iehor li x-xoghol fuq il-faccata kien se jiswa seba' mitt Euro. Min-naha tieghu Paul Camilleri jghid illi x-xoghol ghamlu sew u anke ghamel xoghol zejjed li tieghu ma thallasx.

It-Tribunal ha konjizzjoni tar-rapport tal-perit Abigail Scicluna Lewis, fejn dan, wara illi ddeskriva x-xogholijiet illi saru, ighid li f'certa partijiet ma kienux accettabbli u f'ohrajn kienu. L-opinjoni tal-perit, pero', hija pjuttost nebuluza, fejn filwaqt illi tghid illi l-materjal u l-metodi uzati setghu kienu ahjar, fl-istess nifs tatribwixxi l-hsara ghax-xemx, ilma u l-umdita' u tghid illi ma tistax tikkonkludi illi l-intimat "was completely to blame for the damage, but this could have been improved in some instances." Ipprezentat sensiela ta' ritratti li juru l-istat tal-faccata tad-dar tar-rikorrenti. Ta' min issemmi li ghalkemm il-perit rat ix-xogholijiet tlett snin wara li saru, r-rikorrenti tghid illi dawn bdew jitfaccew tlett xhur wara li gew kompletati.

Ikkunsidra

Illi l-prezz imhallas mir-rikorrenti ma kienx wiehed zghir u ghal elfejn Euro wiehed jippretendi xoghol professjonali fejn l-intimat ma kellux ghalfejn jaqta' kantunieri u juza metodi u materjal inferjuri, kif issugeriet il-perit Scicluna Lewis. Ghalkemm il-perit ikkonkludiet illi mhux ix-xoghol kollu kien hazin, l-anqas r-rikorrenti ma qed titlob il-prezz kollu tax-xoghol. Mir-rapport, pero' jirrizulta illi kieku l-faccata giet imnaddfa qabel ma nghataw il-passati taz-zebgha u fejn necesarju jintuza primer bhala bazi ta' zebgha gdida, ir-rizultat kien iservi hafna iktar milli fil-fatt serva. Il-messagg tar-rapport kien car - illi minkejja kollox l-intimat f'certa postijiet ma uzax l-arti u s-sengha u b'ftit iktar attenzjoni il-prodott kien ikun ahjar. Peress illi l-perit ma kkwantifkatx l-ammont illi kellha tiehu r-rikorrenti u jekk it-talba taghha kenitx gustifikata jew le, it-Tribunal ser jaghmel il-konkluzjonijet tieghu arbitrio bono viri, bbazati ukoll fuq il-fatt illi tajjeb jew hazin, sar xi xoghol mhux skond l-arti u s-sengha mill-intimat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat li jirrifondilha s-somma ta' sitt mitt Euro. Bl-ispejjes kontra tieghu, inkluzi dawk tal-perit tekniku.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru